MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 113/1995/1

**Joyce Farrugia**

**Vs**

**Sadek Gucluol; u b'digriet tal-24 ta' April 2001 gew nominati Dr Peter Fenech u l-P.L. Veronica Rossignaud biex jirrapprezentaw lill-assenti Sadek Gucluol peress li siefer minn dawn il-gzejjer, Yvonne Ellul; John Ellul; u Yvonne Ellul in rapprezentanza tas-socjetà *Amphora Travel Limited***

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fl-allura Qorti tal-Kummerc illi permezz tieghu l-attrici, wara illi ppremettiet illi hija li kienet il-habiba tal-konvenut Sadek Gucluol kienet fit-trattattivi mieghu sabiex jifthu fin-negozju flimkien; illi in effetti, hija ma baqghetx f'dan il-hsieb, però lahqet applikat ghal linja tat-telephone f'isimha fl-ufficcju tal-konvenuti "St. Joseph", Testaferrata Street, Gzira; illi l-konvenuti qalulha biex ma tehux hsieb ghaliex kienu javzaw lil tat-Telemalta biex idawwru l-linja; Illi nonostante t-trapass taz-zmien, b'ingann, il-konvenuti baqghu ma dawwrux il-linja tat-telephone però xorta wahda baqghu jisservew b'tali linja; illi l-konvenuti jew min minnhom tellghu kont ta' mill-anqas sitt elef u sitta u disghin lira u tmien centezmi (Lm6096.08) skond l-ahhar kont tat-Telemalta; illi in effetti kif jirrizulta mill-kont tat-telephone anness bhala dokument A, it-Telemalta qed tippretendi li l-attrici thallas din is-somma hi u l-konvenuti nonostante interpellati jaghmlu tajjeb ghal din is-somma baqghu inadempjenti; talbet ghaliex dik l-Qorti m'ghandhiex tiddeciedi din il-kawza billi: 1. tiddikjara li bl-agir taghhom il-konvenuti jew min minnhom ikkawsaw danni lill-attrici ekwivalenti f'arretrati ta' kontijiet mit-Telemalta li qeghdin fuq in-numru tat-telephone 336151 li kien fuq isimha; 2. tillikwida d-danni sofferti; (3) tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu s-somma hekk likwidata lill-attrici; bl-ispejjes u l-imghax u l-konvenuti ngunti in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta Yvonne Ellul nomine illi permezz taghha eccepiet:
1. Illi l-eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes ghaliex hi ma tirrapresenta ebda kumpannija bl-ismijiet "Amphora Trading Limited" jew "Amphora Trading and Travelling Limited";

2. Illi, subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici hija nulla (a) ghaliex la fil-korp tac-

citazzjoni u lanqas fid-dikjarazzjoni tal-attrici ma gie indikat in-numru tat-telefon in kwistjoni u l-perijodu li jkopri l-kont relattiv; u (b) ma tezisti ebda socjetà kummercjali la bl-isem "Amphora Trading Limited" kif indikat fic-citazzjoni, la "Amphora Trading and Travelling Limited" kif indikat fid-dikjarazzjoni tal-attrici, u lanqas "Amphora Travel & Trading Ltd." kif indikat fid-Dok. B;

3. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, il-kawza attrici hija intempestiva u ghandha tigi michuda bl-ispejjes stante li "ex admissis" il-kont tat-telefon in kwistjoni ghadu ma thallasx mill-attrici u ghalhekk hija ghadha ma batiet ebda danni kif allegat fic-citazzjoni;

4. Illi, dejjem subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici, in kwantu diretti kontra l-eccipjenti nomine, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex: (i) ladarba l-attrici rregistrat t-telefon in kwistjoni f'isimha kienet biss hi li, skond il-ligi, setghet titlob li dan jinqala' jew idur fuq haddiehor. Però dana baqghet m'ghamlitux anki wara li "ex admissis" qatghet il-"hbiberija" u r-relazzjonijiet kummercjali mal-konvenut Sadik (mhux Sadek) Gucluol. Ghalhekk kull ma gara sar bil-kunsens tal-istess attrici; (ii) kif ammettiet l-istess attrici u kif jikkonferma d-dokument A, kien il-konvenut Sadik Gucluol biss li kellu kuntatti maghha u difatti, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, kien hu li tella' dak il-kont kollu fuq it-telefon in kwistjoni ghal skopijiet li ma jinteressawx lis-socjetà rappresentata mill-eccipjenti; (iii) jekk l-attrici giet ingannata minn xi persuna, din zgur li ma kienitx l-eccipjenti li, la f'isimha proprju u lanqas nomine, qatt ma kellha relazzjonijiet ta' negozju (vide Dok. A) u ta' xort'ohra mal-attrici;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta Yvonne Ellul nomine u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat il-kontrotalba tal-konvenuta Yvonne Ellul nomine kif ukoll id-dikjazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda relativi;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuta Yvonne Ellul *proprio* illi permezz taghha eccepiet:

1. Illi hija m’hijiex il-legittima kontradittrici u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes ghaliex qatt ma kellha relazzjonijiet kummercjali jew ta’ xort’ohra ma’ l-attrici, la direttament u lanqas indirettament, u qatt ma kellha x’taqsam **f’isimha proprju** mal-fond jew it-telefon riferiti fic-citazzjoni;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta Yvonne Ellul *proprio* u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat il-kontrotalba tal-konvenuta Yvonne Ellul *proprio* illi permezz taghha, wara illi ppremettiet illi l-attrici fil-11 ta’ Jannar 1995 irnexxielha tottjeni l-hrug tal-mandat ta’ impediment tas-safar numru 67/95 u tal-mandat ta’ sekwestru numru 68/95 kontra l-konvenuta personalment in konnessjoni mal-meritu ta’ din il-kawza, minghajr interpellazzjoni preventiva rikjesta mill-ligi; illi fil-25 ta’ Jannar 1995 il-konvenuta inutilment interpellat lill-attrici, permezz ta’ ittra registrata, biex fi zmien jumejn tnehhi l-imsemmija mandati stante li, kif hi taf sew, il-konvenuta f’isimha proprju qatt ma kellha x’taqsam maghha jew mat-telefon in kwistjoni; illi sussegwentement il-konvenuta skopriet li l-attrici ma pprezentatx il-kawza relattiva fit-terminu legali u ghalhekk irnexxielha tohrog il-kontro-mandati relattivi; illi fit-18 ta’ Lulju 1995 l-attrici harget mill-gdid mandat ta’ impediment tal-partenza numru 1451/95 kontra l-konvenuta u dan ghadu fis-sehh sal-lum u qed jikkawza danni lill-konvenuta li, minhabba n-negozju tal-kumpannija taghha tal-ivvjaggjar, ikollha bzonn issiefer minn zmien ghal zmien; u illi l-attrici harget l-imsemmi impediment tas-safar kontra l-konvenuta in mala fede, bl-aktar mod vessatorju, abusiv u illegali, ghaliex kienet taf li ma setghetx tohrog mandat simili kontra l-konvenuta nomine u ghalhekk ivvintat pretenzjoni kontriha personalment; talbet ghaliex dika l-Qorti m’ghandhiex: 1. tiddikjara li l-attrici harget il-mandati kawtelatorji fuq riferiti kontra l-konvenuta, partikolarment l-impediment tas-safar

numru 1451/95, in mala fede u bl-aktar mod vessatorju, abusiv u illegali stante li hi kienet taf li l-istess konvenuta **<u>f'isimha proprju</u>** qatt ma kellha x'taqsam maghha jew mat-telefon in kwistjoni; 2. konsegwentement, filwaqt li tordna l-hrug ta' kontro-mandat ghall-impediment tas-safar numru 1451/95, tiddikjara lill-attrici responsabbli tad-danni kollha li l-konvenuta tkun sofriet bhala rizultat tal-impediment tas-safar fuq riferit; 3. tillikwida d-danni sofferti mill-konvenuta kif fuq spjegat; 4. tikkundanna lill-attrici thallas lill-konvenuta s-somma hekk likwidata in linea ta' danni, flimkien mal-massimu tal-penali kontemplata fil-ligi f'kas tal-hrug ta' mandat kawtelatorju f'cirkostanzi simili; bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-25 ta' Jannar 1995, tal-mandati kawtelatorji fuq riferiti u tal-kontro-mandati relattivi, kontra l-attrici ngunta ghas-subizjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta Yvonne Ellul *proprio* u l-lista tax-xhieda relativa;
Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut John Ellul u d-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' l-attrici a fol. 30 u 31 tal-process illi permezz taghha eccepiet:

Illi preliminarjament ghandu jigi rilevat l-inkonsistenza bejn il-kontro-talba u l-ewwel eccezzjoni tar-rikonvenzjonanti. Fl-eccezzjoni preliminari din eccepiet li din ma tirrapresentax lis-socjetà konvenuta, mentri imbaghad ir-rikonvenzjoni saret fil-kwalità taghha ghan-nom u fl-interess tas-socjetà konvenuta;

Illi fil-meritu t-talbiet tar-rikonvenzjonanti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li t-telefonati indikati saru mill-konvenuti u fl-interess tal-istess konvenuti tant li l-istess konvenuta hallset il-kont minghajr protesta u kien biss wara l-intavolar ta' din ic-citazzjoni li r-rikonvenzjonanti nomine bdiet tippretendi mod iehor;

Illi veru illi t-telephone number de quo jghajjat lill-attrici izda isimha kien biss presta nome peress li ftit wara l-attrici ma kellha xejn aktar x'taqsam mas-socjetà

konvenuta u l-istanza tar-rikonvenzjonanti nomine hija bazata fuq il-malafede mentri fil-kummerc il-kontendenti jridu jagixxu in uberrima fede;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata relativa ta' l-attrici;

Rat illi l-konvenut Sadek Gucluol, debitament notifikat, ma pprezentax nota ta' eccezzjonijiet u b'hekk baqa' kontumaci;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' April, 2000 illi permezz taghha l-Qorti ddecidiet hekk:

"1. Tichad it-talbiet ta' l-attrici safejn maghmula kontra John Ellul u kontra Yvonne Ellul *proprio*, u tikkundanna lill-attrici thallas l-ispejjez ta' dawn il-konvenuti;

2. Tichad it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuta Yvonne Ellul *nomine*, u tikkundanna lill-istess konvenuta thallas l-ispejjez relativi;

3. Tichad it-talbiet ta' l-attrici safejn maghmula kontra Yvonne Ellul *nomine*, u tikkundanna lill-attrici thallas l-ispejjez ta' din il-konvenuta, hlief l-ispejjez tat-tieni u tat-tielet eccezzjoni;

4. Tilqa' t-talbiet ta' l-attrici safejn maghmula kontra l-konvenut Sadek jew Sadik Gucluol; tillikwida d-danni li ghalihom ghandu jaghmel tajjeb dan il-konvenut fis-somma ta' sitt elef u sitta u disghin liri u tmien centezmi (Lm6,096.08), u tikkundannah ihallas lill-attrici din is-somma, flimkien ma' l-ispejjez relativi u l-imghax mis-27 ta' Jannar 1995, meta kienet prezentata c-citazzjoni;

5 Tichad il-kontro-talbiet tal-konvenuta Yvonne Ellul *nomine*, u tikkundanna lil din il-konvenuta thallas l-ispejjez relativi;

6. Tilqa' l-kontro-talbiet tal-konvenuta Yvonne Ellul *proprio*, izda biss billi tikkundanna lill-attrici thallasha mitejn u hamsin lira (Lm250) bhala penali, u tichad it-talba ghall-hlas ta' danni; l-ispejjes relativi ghall-kontro-talbiet ta' Yvonne Ellul *proprio* ghandha thallashom l-attrici."

u dana wara illi ghamlet is-segwenti konstatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

"**9. IL-FATTI**

"Il-fatti ta' dan il-kaz graw hekk:

"L-attrici kienet habiba tal-konvenut Gucluol u ftiehmet mieghu li tghinu jiftah agenzija ta' l-ivvjaggar. Billi Gucluol kien barrani u ma kellux permess biex jahdem f'Malta, l-attrici, biex tghinu, kriet f'isimha l-post fejn kellha tigi gestita l-agenzija, u, b'konsegwenza ta' hekk, it-talba ghall-linja tat-*telephone* saret f'isimha wkoll, ghalkemm kellu jkun Gucluol wahdu li jmexxi l-agenzija. Minkejja dan l-arrangament, l-attrici ma kellhiex sehem fin-negozju u ma kellhiex sehem mill-qligh, u lanqas kienet impjegata ma' Gucluol. L-agenzija bdiet tahdem f'Settembru ta' l-1991.

"Billi l-attrici ma baqghetx tmur fil-post fejn kienet gestita din l-agenzija, ma kienitx taf li kien qed jitla' kont tat-*telephone* sakemm, fis-6 ta' Jannar 1994 irceviet citazzjoni minghand il-Korporazzjoni Telemalta b'talba ghall-hlas ta' l-arretrati.

"Waqt il-kontro-ezami l-avukat ta' Ellul staqsa lill-attrici jekk, wara li spiccat il-hbiberija ma' Gucluol, fittxitx li tnehhi l-linja minn fuq isimha. L-attrici wiegbet li ma setghetx taghmel hekk ghax il-konvenuti ma tawhiex l-ahhar ricevuta. Milli jidher, izda, dan il-fatt ma hassibx lill-konvenuta [recte: lill-attrici] biex tfittex tara x'kien qieghed jigri bit-*telephone* li kien ghadu jghajjat lilha. Fil-fatt xehdet illi, sakemm irceviet ic-citazzjoni, '*I thought they were paying the telephone bills* … … … ghax kieku t-Telemalta kienet tavzani xi haga ghall-inqas'.

"Dwar il-konvenuta Yvonne Ellul, l-attrici xehdet li din, f'xi zmien, dahlet tahdem fl-agenzija ta' Gucluol; xi zmien

wara, izda, l-attrici saret taf li fil-fatt Yvonne Ellul kienet is-sid ta’ l-agenzija. Yvonne Ellul, min-naha l-ohra, xehdet illi Gucluol kien jahdem bhala *travel consultant* mas-socjetà konvenuta *Amphora Travel Limited*, izda kellu wkoll xoghol tieghu privat. Xehdet ukoll illi l-ftehim kien li l-kont tat-*telephone* kellu jhallsu Gucluol. Relazzjonijiet bejn l-attrici u Yvonne Ellul ma kienx hemm; anzi, l-attrici xehdet li ltaqghet maghha xi darba jew tnejn biss.

“Dwar il-konvenut l-iehor, John Ellul, zewg Yvonne, dan dahal fl-istorja biss ghax riedu jdahhluh l-avukati ta’ l-attrici:

Mhux fuq il-parir ta’ l-avukat? Fuq il-parit ta’ l-avukat hu dahal fl-istorja!

**“10. KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

“**10.1** ***Dwar it-Talbiet ta’ l-Attrici kontra John Ellul u Yvonne Ellul* proprio**

“Mill-fatti kif rakkontati kemm mill-attrici stess kif ukoll mix-xhieda l-ohra, jidher mill-ewwel illi l-konvenuti John Ellul u Yvonne Ellul *proprio* ma jidhlu xejn f’din l-istorja. Dwar John Ellul, lanqas l-attrici stess ma kienet taf ghalfejn dahhlitu fil-kawza, waqt li Yvonne Ellul, jekk dahlet fil-kwistjoni, dahlet biss f’isem is-socjetà *Amphora Travel Limited*, u mhux f’isimha proprju. Huwa minnu li l-attrici fic-citazzjoni qalet li l-konvenuti ngannawha, u, jekk tassew il-konvenuta Yvonne Ellul ingannat lill-attrici, dan ghamlitu *proprio*, mhux *nomine*. Izda l-attrici ma ressqet ebda xhieda li turi, imqar biss *prima facie*, li kien hemm xi qerq min-naha ta’ Yvonne Ellul, u ghalhekk din il-konvenuta ma ghandhiex ghal xiex twiegeb.

“Il-qorti ghalhekk sejra tichad it-talbiet ta’ l-attrici safejn maghmula kontra l-konvenuti John u Yvonne Ellul *proprio*.

“**10.2** ***Dwar l-eccezzjonijiet preliminari ta’ Yvonne Ellul* nomine**

“L-eccezzjoni preliminari ta’ Yvonne Ellul *nomine* mibnija fuq zball fl-isem tas-socjetà li ghaliha tidher gà rajna li,

wara li saru l-korrezzjonijiet mehtiega, ma hemmx ghalfejn inqisuha aktar.

“Hemm eccezzjoni preliminari ohra li tghid li n-numru tat-*telephone* imkien ma hu muri fic-citazzjoni jew fid-dikjarazzjoni ta’ l-attrici. Dan ma hux minnu; in-numru huwa muri fl-ewwel talba. L-eccezzjoni tkompli tghid li ma hux muri wkoll il-perijodu li matulu tela’ l-kont imsemmi fic-citazzjoni. Dan huwa minnu, izda dan in-nuqqas ma ghandux iwassal ghan-nullità tac-citazzjoni ghax ma holoq ebda pregudizzju lill-konvenuti. Ic-citazzjoni turi li l-attrici qieghda tghid li l-konvenuti ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-kont kollu, sa mill-bidu li tqieghdet il-linja, u ghalhekk ma hux mehtieg, sabiex il-konvenuti jkunu jistghu jiddefendu ruhhom kontra t-talbiet, li jkun specifikat il-perijodu. Barra minn hekk, il-konvenuta Yvonne Ellul taf bizzejjed liema hu il-perijodu li ghalih inhargu l-kontijiet ghax dawn il-kontijiet ghand is-socjetà konvenuta kienu jaslu! Din l-eccezzjoni ghalhekk hija michuda.

“It-tielet eccezzjoni tghid illi l-azzjoni hija intempestiva ghax l-attrici ghadha ma hallsitx il-kont tat-*telephone*. Izda l-fatt li l-kont ghadu ma thallasx ma jfissirx li l-patrimonju tal-konvenuta ma tghabbiex bid-dejn. Fir-relazzjonijiet mas-socjetà *Maltacom p.l.c.* li taghti s-servizz tat-*telephone*, hija l-attrici li ghandha thallas il-kont, u ghalhekk l-attrici batiet id-danni hekk kif beda tiela’ l-kont.

“Din l-eccezzjoni wkoll hija michuda.

“**10.3 *Dwar it-talbiet kontra Yvonne Ellul* nomine**

“Ir-raguni ghala l-attrici qieghda tghid li s-socjetà *Amphora Travel Limited*, li ghaliha tidher Yvonne Ellul, ghandha thallsilha l-kont tat-*telephone* hija li qieghda tghid li din, b’ingann, ma qalbitx ir-registrazzjoni minn fuq isem l-attrici.

“Yvonne Ellul xehdet li kellha ftehim mal-konvenut l-iehor Sadik Gucluol li l-kont tat-*telephone* kellu jhallsu dan. Il-qorti tara li ma hemm ebda raguni ghala ma temminix lix-

xhud. Ladarba Yvonne Ellul *nomine* ma kellhiex thallas it-*telephone*, ma kellhiex interess li tara li l-linja tkunx fuq isem l-attrici jew fuq isem haddiehor. Il-ftehim bejn l-attrici u Gucluol kien *res inter alios acta* ghal Ellul, u lil din kien jinteressaha biss il-ftehim li kellha hi ma' Gucluol li l-kont ihallsu hu. Ma kellha ghalfejn tqarraq b'hadd biex ma thallasx ghat-*telephone*.

"Is-socjetà rapprezentata minn Ellul ma ghamlet ebda qliegh indebitu b'dak li tilfet l-attrici, ghax il-beneficcju li hadet is-socjetà bl-uzu tat-*telephone* kellha dritt ghalih bis-sahha tal-ftehim ma' Gucluol. Ghalhekk lanqas ma jista' jinghad li kien hemm xi arrikkiment indebitu.

"It-talbiet, safejn maghmula kontra Yvonne Ellul *nomine*, huma ghalhekk michuda.

"**10.4** ***Dwar it-talbiet kontra Sadek Gucluol***

"Fil-fehma tal-qorti kien Sadek Gucluol li nqeda bl-attrici biex jaghmel qligh. L-attrici ghenet lil Gucluol billi, fost hwejjeg ohra, hallietu jinqeda b'isimha biex ikollu linja tat-*telephone*, mhux biex taghmel xi qligh hi, ghax hi ma kellha ebda sehem fin-negozju, izda biex taghmel pjacir lilu. Gucluol, min-naha l-ohra, abbuza minn din il-fiducja billi ha l-beneficcju ta' l-uzu tat-*telephone* u halla lill-attrici biex tiffaccja l-kontijiet. Billi kellu jkun Gucluol li jhallas it-*telephone*, mhux l-attrici, ghax il-ftehim ghall-beneficcju ta' Gucluol kien sar, il-qorti hija tal-fehma li t-talbiet ta' l-attrici, safejn maghmula kontra Gucluol, ghandhom jintlaqghu.

"Kif jidher mill-kont esibit fil-process, l-arretrati fuq il-linja bin-numru 336151 telghu ghal sitt elef u sitta u disghin lira u tmien centezmi (Lm6,096.08). Tassew li d-danni ta' l-attrici mhux dawk biss kienu ghax, kif sejrin naraw meta nqisu l-kontro-talba, kien hemm linja ohra fuq isimha u tela' kont fuq dik il-linja wkoll, izda billi t-talba saret biss dwar il-linja bin-numru 336151 il-qorti ma tistax taghti *ultra petita*. Ghalhekk, ghall-ghanijiet tat-tieni talba ta' l-attrici, il-qorti qieghda tillikwida d-danni fis-somma ta' sitt elef u sitta u disghin lira u tmien centezmi (Lm6,096.08).

“**10.5** ***Dwar il-kontro-talba ta’ Yvonne Ellul*** **nomine**

“Yvonne Ellul ghamlet ukoll kontro-talba f’isem *Amphora Travel Limited* biex titlob il-hlas ta’ elf u erbgha u erbghin lira u tmienja u disghin centezmu (Lm1,044.98) li hi hallset ghall-attrici biex thallsilha l-kont fuq il-linja bin-numru 342028.

“Dan il-kont is-socjetà hallsitu mhux ghax kienet marbuta mal-Korporazzjoni Telemalta (illum *Maltacom p.l.c.*) ghax il-kont kien fuq isem l-attrici, izda hallsitu ghax riedet taqleb il-linja fuq isimha u, biex setghet taghmel hekk, kellha l-ewwel thallas l-arretrati.

“Dawn il-fatti joholqu sitwazzjoni xi ftit ambigwa. Huwa minnu li l-attrici hadet beneficcju meta thallas kont li kellha ma’ terzi. Min-naha l-ohra, is-socjetà konvenuta hallset dan il-kont bla ma qabel qalet lill-attrici li kienet sejra taghmel hekk, u hallset mhux biex taqdi lill-attrici izda biex tinqeda hi. Barra minn hekk, l-attrici effettivament ma hadet ebda beneficcju bil-hlas tal-kont ghax, ghalkemm fir-relazzjoni ma’ Telemalta kienet hi li kellha thallas, fir-relazzjoni ma’ Gucluol kellha tiehu l-flus minghand Gucluol biex thallas lil Telemalta. Mela, effettivament, is-socjetà konvenuta hallset mhux dejn ta’ l-attrici izda dejn ta’ Gucluol. Fil-fatt, Yvonne Ellul tafu dan, u xehdet li dawn il-flus qieghda issa titlobhom minghand l-attrici ghax l-attrici talbet il-hlas tal-kont l-iehor minghandha.

“Fic-cirkostanzi, u billi l-attrici ma hadet ebda benficcju bil-hlas tal-kont fuq il-linja 342028, il-qorti hija tal-fehma li l-kontro-talba ta’ Yvonne Ellul *nomine* ma ghandhiex tintlaqa’.

“**10.6** ***Dwar il-kontro-talba ta’ Yvonne Ellul*** **proprio**

“Yvonne Ellul *proprio* wkoll ghamlet kontro-talba biex titlob id-danni li sofriet meta fuq talba ta’ l-attrici nhareg mandat ta’ impediment tas-safar kontra taghha, u biex titlob ukoll il-hlas ta’ penali talli t-talba ghall-hrug tal-mandat saret *in mala fede*. Dan il-mandat seta’ jinhareg taht il-Kodici ta’

Organizzazzzjoni u Procedura Civili qabel ma dan kien emendat bl-Att XXIV ta’ l-1995.

“Dwar il-penali, l-art. 866 tal-kodici fiz-zmien meta nhareg il-mandat kien ighid hekk:

**866**. (1) Jekk jinsab li l-mandat ta’ l-impediment tas-safar gie miksub mir-rikorrent fuq talba maghmula b’qerq, huwa jigi kkundannat ghall-hlas ta’ penali f’somma li tiffissa l-qorti, skond ic-cirkostanzi.

(2) F’dak il-kaz, il-qorti tista’ tordna li l-penali tigi mhallsa lill-persuna li kontra taghha … … … il-mandat ikun inhareg, barra minn kull azzjoni ghad-danni u mghaxijiet.

(3) Il-penali ghandha f’kull kaz tkun izjed minn mitejn u hamsin lira maltin.

“Skond il-konvenuta, l-attrici ghamlet it-talba b’qerq ghax ‘kienet taf li ma setghetx tohrog mandat simili kontra l-konvenuta *nomine* u ghalhekk ivvintat pretensjoni kontriha personalment’.

“Fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha l-attrici qalet hekk:

Illi l-esponenti pprezentat din l-istanza kontra Yvonne Ellul personalment peress illi ma kienitx taf ezattament jekk it-*telephone* in kwistjoni kienx qed jintuza mill-konvenuta Yvonne Ellul jew mis-socjetà konvenuta. In effetti t-talba attrici kienet biex din il-qorti tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallas il-kreditu pretiz.

Issa la nstemghu x-xhieda kollha din il-qorti tista’ tiddecidih dan. Meta pprezentat ic-citazzjoni l-esponenti pprezentat il-mandat ta’ impediment ta’ partenza u dan biex tikkawtela l-pretensjonijiet li seta’ kellha kontra Yvonne Ellul, haga li kellha kull dritt li taghmel skond il-ligi ta’ dak iz-zmien. Ma kien hemm xejn vessatorju, abbuziv u illegali. Kieku huwa l-kaz allura kull min jipprezenta kawza bil-mandati u jitlef il-kawza jkun ipprezenta mandati vessatorjament.

"Huwa minnu li min jitlef kawza fejn ikun hares il-pretensjoni tieghu bil-hrug ta' mandati kawtelatorji ma jitqiesx, ghalhekk biss, li t-talba ghall-hrug tal-mandati ikun ghamilha vessatorjament, jew b'qerq. Min-naha l-ohra, lanqas ma hu minnu li kull attur ghandu xi jedd, kwazi inkondizzjonat u bla responsabbiltà, li jsallab lill-konvenut bil-hrug ta' mandati, partikolarment mandat bhal ma kien dak ta' impediment tas-safar, meta jaf li kontra dak il-konvenut ma ghandux pretensjoni serja.

"Il-pretensjoni ta' l-attrici kontra Yvonne Ellul *proprio* kienet mibnija fuq allegazzjoni ta' qerq. Gà rajna li l-attrici ma ressqet ebda xhieda, imqar *prima facie*, biex turi li l-konvenuta kienet ingannatha. L-attrici ma kellhiex ghalfejn tistenna li jinstemghu x-xhieda kollha tal-partijiet kollha biex tkun taf li ma kellhiex kaz kontra l-konvenuta *proprio*. Kien imiss lilha li tressaq il-prova tal-qerq, u li kieku rat bil-ghaqal ix-xiehda li setghet tressaq hi stess qabel ma talbet il-hrug tal-mandati, kienet tintebah li ma kellhiex xiehda ta' qerq min-naha tal-konvenuta. Dan ma hux kaz fejn ix-xhieda kienet ekwivoka, u setghet genwinament tkun interpretata mod jew iehor; huwa kaz fejn xiehda kontra l-konvenuta ma hemm xejn. Meta talbet il-hrug tal-mandat, ghalhekk, l-attrici mxiet b'*culpa lata quæ dolo æquiparatur*, u ghal dan ghandha twiegeb bil-hlas tal-penali li, ghall-ghanijiet tat-talba, il-qorti qieghda tiffissaha fis-somma ta' mitejn u hamsin lira (Lm250).

"Il-konvenuta talbet ukoll id-danni. Qalet li kellha ssiefer u ma setghetx ghax kien hemm il-mandat kontriha. Billi, izda, l-attrici ma kinitx fethet il-kawza fiz-zmien li kienet taghti l-ligi, kien inhareg kontro-mandat u l-konvenuta setghet issiefer. Telqet minn Malta fis-26 ta' Mejju 1995 u marret il-Kajr. Meta kienet fil-Kajr, izda, bezghet tigi lura Malta ghax kellha terga' ssiefer ghal Londra fit-3 ta' Gunju 1995 u bezghet li, jekk tigi Malta, jinhareg mandat iehor kontriha. Ghalhekk hassret il-vjagg lura mill-Kajr lejn Malta, bla ma ntraddulha l-flus tal-biljett, u hallset biex xtrat biljett iehor mill-Kajr ghal Londra. Issa qieghda titlob l-ispejjez li ghamlet bhala danni.

"Fil-fatt, izda, dan il-biza tal-konvenuta kien biss ipotetiku, u kien biss fit-18 ta' Lulju 1995 li l-attrici talbet il-hrug ta' mandat iehor. Biex nghidu li l-ispejjez li ghamlet il-konvenuta biex marret mill-Kajr sa Londra ghamlithom biex ma tinqabadx b'mandat ta' impediment, ikollna nassumu li l-attrici kienet sejra terga' titlob il-hrug ta' mandat minnufih li kieku l-konvenuta giet lura Malta flok ma baqghet sejra Londra. Izda ma nistghux nassumu li l-attrici kienet lesta biex taqbez fuq il-konvenuta b'mandat ta' impediment hekk kif din tasal Malta; fil-fatt, il-konvenuta giet lura Malta fit-8 ta' Gunju 1995, u kien biss fit-18 ta' Lulju 1995 li l-attrici talbet il-hrug ta' mandat iehor. "Il-konvenuta ma wrietx li sofriet xi danni ohra bil-hrug tat-tieni mandat. It-talba ghad-danni, ghalhekk, ma tistax tintlaqa'."

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-attrici illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti talbet hekk:
"… li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja s-sentenza … tat-28 ta' April 2000 fl-ismijiet premessi fis-sens illi:
i) thassarha, tirrevokaha u tikkancellaha fejn din laqghat it-talbiet attrici limitatament kontra Sadek Gucluol u minflok tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta, prevja li tichad l-eccezzjonijiet ta' l-istess socjetà konvenuta.

ii) thassarha, tirrevokaha u tikkancellaha fejn din ikkundannat lill-attrici thallas penali ta' Lm250 u minflok tilqa' l-eccezzjoni ta' l-attrici u tichad il-kontro-talba tal-konvenuta ghall-penali;

ii) (*sic*) tikkonferma s-sentenza fil-bqija taghha."

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Sadek Gucluol, l-Avukat Dottor Peter Fenech u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud, illi permezz taghha ssottomettew:

"Illi l-appell ghandu jigi michud in kwantu l-appellanti qieghda titlob il-konferma tal-htija misjuba fil-konfront tal-eccipjent (*sic*), u ghandha tirrevoka l-istess sentenza u

tillibera lill-istess eccipjenti (*sic*) minn kull htija misjuba, bl-ispejjes kontra l-istess appellanti."

Rat illi l-konvenuti appellati l-ohra, debitament notifikati, ma jirrizultax illi ghamlu risposta;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jinghad, qabel xejn, illi mis-sentenza appellata sar appell biss mill-attrici u, f'dan ir-rigward, huwa tajjeb illi jinghad ukoll illi dina l-Qorti hija tal-fehma illi r-risposta tal-kuraturi hawn fuq imsemmija ma tista' b'ebda mod tigi konsidrata bhala ammontanti ghal appell incidentali;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta' l-attrici kontra s-sentenza appellata, fi kliem ir-rikors ta' appell, huma s-segwenti:
"i) Illi l-ewwel Qorti ma setatx tilqa' t-talbiet attrici biss fil-konfront ta' Sadek Gucluol u missha laqghatha (*sic*) fil-konfront tas-socjetà konvenuta"; u
"ii) Illi l-appellanti ukoll thoss illi l-ewwel Qorti ma setax (*sic*) tilqa' l-kontro-talba tal-konvenuta u tikkundanna lill-attrici thallas penali ta' Lm250."

Ikkunsidrat:

Illi minn dak illi jinghad fir-rikors ta' appell in sostenn ta' l-ewwel aggravju jidher car illi l-appellanti qed issostni illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-provi prodotti. Fost affarijiet ohra, fir-rikors ta' appell jinghad hekk:
"… Dwar ftehim li se mai seta' ezista bejn is-socjetà konvenuta u Sadek Gucluol kien jispetta lis-socjetà konvenuta tipprova dan. Fil-fatt tali prova ma gietx prodotta u l-ewwel Qorti strahet semplicement fuq ix-xhieda ta' Yvonne Ellul li xejn ma kienet kredibbli."

Huwa kontrosens illi fl-istess sentenza tghid illi "tali prova ma gietx prodotta" u illi l-ewwel Qorti accettat "ix-xhieda ta' Yvonne Ellul". X'qed tipprova tghid l-appellanti? Illi d-depozizzjoni ta' xhud (f'dan il-kaz wahda mill-konvenuti) ma tikkostitwix prova? Ghal dak illi jirrigwarda l-kredibilità tal-konvenuta Yvonne Ellul, tajjeb illi jinghad illi l-ewwel Qorti emmnitha u illi dina l-Qorti ma ssib ebda raguni biex ma temminix.

Dina l-Qorti, wara illi ezaminat il-provi kollha prodotti, issib l-aggravju in ezami ta' l-appellanti mhux fondat; infatti, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament gust tal-provi prodotti u waslet ghall-konkluzjoni korretta illi t-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu fil-konfront tal-konvenut Sadek Gucluol biss;

Ikkunsidrat:

Illi, kif tghid l-appellanti fir-rikors ta' appell taghha, is-sottomissjonijiet illi avanzat sabiex issostni t-tieni aggravju taghha kienet già avanzathom fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha intavolata quddiem l-ewwel Qorti. Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti iccitat dawn is-sottomissjonijiet *verbatim*, ikkonsidrathom u irrespingithom. Dina l-Qorti taqbel ma' dawn il-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti ma ghandha xejn x'izzid maghhom, però sejra ticcitahom:
"Il-pretensjoni ta' l-attrici kontra Yvonne Ellul *proprio* kienet mibnija fuq allegazzjoni ta' qerq. Gà rajna li l-attrici ma ressqet ebda xiehda, imqar *prima facie*, biex turi li l-konvenuta kienet ingannatha. L-attrici ma kellhiex ghalfejn tistenna li jinstemghu x-xhieda kollha tal-partijiet kollha biex tkun taf li ma kellhiex kaz kontra l-konvenuta *proprio*. Kien imiss lilha li tressaq il-prova tal-qerq, u li kieku rat bil-ghaqal ix-xiehda li setghet tressaq hi stess qabel ma talbet il-hrug tal-mandati, kienet tintebah li ma kellhiex xiehda ta' qerq min-naha tal-konvenuta. Dan ma hux kaz fejn ix-xiehda kienet ekwivoka, u setghet genwinament tkun interpretata mod jew iehor; huwa kaz fejn xiehda kontra l-konvenuta ma hemm xejn. Meta talbet il-hrug tal-mandat, ghalhekk, l-attrici mxiet b'*culpa*

*lata quæ dolo æquiparatur*, u ghal dan ghandha twiegeb bil-hlas tal-penali …" (sottolinear ta' dina l-Qorti)

B'xorti tajba ghall-appellanti, l-ewwel Qorti ffissat il-penali fl-ammont ta' Lm250, nonostante illi l-artikolu 866(3) tal-Kap. 12, citat mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, kien jiddisponi illi: "Il-penali ghandha f'kull kaz tkun izjed minn mitejn u hamsin lira maltin." Il-parti rebbieha ma ressqitx appell dwar il-*quantum* tal-penali;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjes ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-attrici appellanti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------